

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10126/22

RECH 371
TELECOM 267
COMPET 491
IND 227
MI 468
EDUC 245

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	10 ta' Ġunju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9515/22	
Suġġett:	L-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-Xjenza Miftuħa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-10 ta' Ġunju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-Xjenza Miftuħa", adottati mill-Kunsill fit-3877 laqgħa tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2022.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-EVALWAZZJONI TAR-RIĊERKA U L-
IMPLIMENTAZZJONI TAX-XJENZA MIFTUĦA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2016 dwar it-tranżizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa¹, li rrikonoxxew li x-xjenza miftuħa għandha l-potenzjal li żżid il-kwalità, l-impatt u l-benefiċċji tax-xjenza u li taċċellera l-avvanz tal-għarfien billi tagħmlu aktar affidabbli, aktar effiċjenti u aktar preċiż, aktar faċli biex jinftiehem mis-soċjetà u jirreaġixxi għall-isfidi tas-soċjetà u ħeġġew l-iżvilupp ulterjuri tal-evalwazzjoni tal-kwalità xjentifika;
- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020² dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida, li enfasizzaw li x-Xjenza Miftuħa għandha rwol kruċjali x'taqdi biex tagħti spinta lill-impatt, il-kwalità, l-effiċjenza, it-trasparenza u l-integrità tar-riċerka u l-innovazzjoni; li ħeġġew lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jappoġġaw u jimplimentaw prattiki tax-Xjenza Miftuħa fis-sistemi ta' premjazzjoni u ta' evalwazzjoni tagħhom għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet; u li għarfu li l-biblijodiversità, il-multilingwiżmu u r-rikonoxximent tal-output xjentifiku kollu huma elementi rilevanti ta' politika taż-ŻER dwar ix-Xjenza Miftuħa;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2021 dwar l-Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kondizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà³, li ssottolinjaw id-diffikultajiet tal-prattiki attwali ta' premju u evalwazzjoni, u stiednu lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-organizzazzjonijiet li jwettqu u jiffinanzjaw ir-riċerka biex jaħdmu lejn ir-riforma tas-sistema u ssottolinjaw il-hteġa ta' tranżizzjoni lejn evalwazzjoni aktar kwalitattiva;

¹ 9526/16.
² 13567/20.
³ 9138/21.

- fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁴, li tirrakkomanda li l-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' tfittxija għall-eċċellenza fis-sistema tal-evalwazzjoni tar-riċerka u jippremjaw il-kwalità kif xieraq, u tistabbilixxi bħala qasam ta' prijorità għal azzjoni taż-ŻER l-appoġġ u l-ippremjar ta' kultura ta' xjenza miftuħa u sinċiera madwar l-Unjoni;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)⁵, b'mod partikolari l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għall-2022-2024, li stabbiliet katalogu ta' azzjonijiet volontarji taż-ŻER biex jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa;
- 1. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/790 tal-25 ta' April 2018 dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-konservazzjoni tagħha⁶, ir-rapport finali tal-grupp konsultattiv tal-Pjattaforma għall-Politika dwar ix-Xjenza Miftuħa tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Progress on Open Science: Towards a shared research knowledge system"⁷ (Progress fix-Xjenza Miftuħa: Lejn sistema kondiviża ta' għarfien tar-riċerka), id-dokument ta' gwida tat-"Triangle Task Force" tal-KŻER dwar "Research evaluation in a context of Open Science and gender equality"⁸ (Evalwazzjoni tar-riċerka f'kuntest ta' Xjenza Miftuħa u ugwaljanza bejn il-ġeneri), li jidentifika diversi rakkomandazzjonijiet rigward is-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar ix-Xjenza Miftuħa adottata f'Novembru 2021, li tirrakkomanda riforma tas-sistema ta' evalwazzjoni tar-riċerka⁹, u l-eżitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kif stabbilit fir-rapport dwar l-ambitu tal-Kummissjoni "Lejn riforma tas-sistema ta' evalwazzjoni tar-riċerka"¹⁰;

⁴ ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1.

⁵ 14308/21.

⁶ ĠU L 134, 31.5.2018, p. 12.

⁷ [Progress on open science - Publications Office of the EU \(europa.eu\)](https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/36ebb96c-50c5-11ec-91ac-01aa75ed71a1/language-en)

⁸ 1201/21.

⁹ [Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar ix-Xjenza Miftuħa - Librerija Diġitali tal-UNESCO](https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/36ebb96c-50c5-11ec-91ac-01aa75ed71a1/language-en)

¹⁰ Towards a reform of the research assessment system: scoping report - <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/36ebb96c-50c5-11ec-91ac-01aa75ed71a1/language-en>

2. JIRRIKONOXXI li sabiex jiġu aċċellerati l-implimentazzjoni u l-impatt tal-politiki u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa madwar l-Ewropa, għandha tittieħed azzjoni favur tranżizzjoni lejn approċċ imġedded għall-evalwazzjoni tar-riċerka, inkluż skemi ta' inċentivi u premji, biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew f'konformità mal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, u jissaħħu l-kapaċitajiet għall-pubblikazzjoni akkademika u l-komunikazzjoni akkademika tal-outputs kollha tar-riċerka, u biex jitħeġġeġ, fejn xieraq, l-użu tal-multilingwiżmu għall-fini ta' komunikazzjoni usa' tar-riżultati tar-riċerka Ewropea;

I. Riforma tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka fl-Ewropa

3. JIRRIKONOXXI li s-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka għandhom jiffukaw fuq il-kwalità u l-impatt, u JFAKKAR li s-sistemi attwali ta' evalwazzjoni tar-riċerka llum il-ġurnata huma ffukati wisq fuq l-użu ta' xi indikaturi kwantitattivi bbażati fuq il-ġurnali u l-pubblikazzjonijiet u l-evalwazzjoni ta' firxa dejqa ta' outputs tar-riċerka; IQIS li approċċ bħal dan jista' jwassal għal preġudizzji negattivi f'termini tal-kwalità, tar-riproduċibbiltà u tal-integrità tar-riċerka; JISĦAQ li l-evalwazzjoni tar-riċerka għandha tinkludi eżiti u proċessi oħra tar-riċerka u tippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kollaborazzjoni bikrija biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-politiki u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa;
4. JISSOTTOLINJA li, filwaqt li ħafna organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka, kif ukoll awtoritajiet ta' evalwazzjoni tar-riċerka, qed jieħdu passi biex itejbu l-mod kif jevalwaw ir-riċerka u r-riċerkaturi, il-bidla għadha kajmana, irregolari u frammentata madwar l-Ewropa, u għalhekk ITENNI l-ħtieġa li jsir progress fi sforz konġunt lejn ir-riforma tad-diversi sistemi u Prattiki ta' evalwazzjoni tar-riċerka għar-riċerka, ir-riċerkaturi, it-timijiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka biex jittejjbu l-kwalità, il-ftuħ, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom; barra minn hekk, JENFASIZZA li l-applikazzjoni tal-prinċipji tax-Xjenza Miftuħa għandha tiġi ppremjata b'mod xieraq fil-karrieri tar-riċerkaturi;

5. JISĦAQ li tali approċċ konġunt irid jitfassal b'mod inklużiv u kollettiv, peress li huma kkonċernati ħafna atturi f'livelli differenti, u JENFASIZZA li inizjattiva Ewropea tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-bidliet fis-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka, b'kont meħud tal-ispeċifità nazzjonali u l-karatteristiċi ta' dixxiplini ta' riċerka differenti;
6. JISĦAQ li t-trasformazzjoni tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka għandha tinkludi l-evalwazzjoni ta' riċerkaturi individwali, ta' timijiet ta' riċerka, ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, ta' infrastrutturi ta' riċerka, ta' outputs u proġetti ta' riċerka, u li huwa importanti li jiġu evitati kontradizzjonijiet bejn livelli differenti ta' evalwazzjoni;
7. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-fatt li l-prinċipju tar-rieżami bejn il-pari tal-evalwazzjoni tar-riċerka għandu rwol importanti għal xjenza affidabbli u eċċellenti, u li r-riċerkaturi stess qed jaġixxu bħala rieżaminaturi u evalwaturi f'ħafna kuntesti; JISSOTTOLINJA li r-riċerkaturi stess għandhom ikunu fil-qalba ta' din l-evoluzzjoni, peress li hija tal-akbar importanza li jappoġġaw u jimplimentaw il-prinċipji mtejbja għall-evalwazzjoni tar-riċerka u li jirċievu taħriġ xieraq għal dan il-kompitu, sabiex tiġi żgurata adozzjoni wiesgħa tal-bidliet mill-komunità xjentifika; f'dan ir-rigward, JEMMEN li r-riċerkaturi f'kull stadju tal-karriera għandu jkollhom rwol attiv fl-approċċ imġedded għall-evalwazzjoni tar-riċerka u fl-applikazzjoni tal-prinċipji u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa;
8. JISSUĠĠERIXXI li l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka fl-Ewropa għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ġejjin, filwaqt li jiġu rrispettati l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-libertà tar-riċerka xjentifika, kif ukoll id-diversità tal-kuntesti nazzjonali u dixxiplinarji, u filwaqt li titqies il-konsistenza tagħhom ma' inizjattivi internazzjonali:
 - a. it-tranżizzjoni lejn approċċ aktar ibbilanċjat bejn l-evalwazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tar-riċerka, billi jissaħħu l-indikaturi kwalitattivi tal-evalwazzjoni tar-riċerka filwaqt li jiġi żviluppat l-użu responsabbli ta' indikaturi kwantitattivi;

- b. ir-rikonoxximent tal-forom kollha ta' output u proċessi tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż fost l-oħrajn, settijiet ta' data, software, kodiċijiet, metodoloġiji, protokollu u privattivi, u mhux biss pubblikazzjonijiet; JISĦAQ li d-data għandha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli, f'konformità mal-prinċipji FAIR;
 - c. jittieħed kont tal-perkorsi ta' karriera differenti u l-attivitajiet kollha ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż il-mentoraġġ, ir-rwoli ta' tmexxija, l-intraprenditorija, il-ġestjoni tad-data, it-tagħlim, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja, l-appoġġ għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, l-interazzjoni mas-soċjetà, inkluż ix-xjenza mill-pubbliku u l-involvement pubbliku;
 - d. jittieħed kont tal-ispeċifitajiet tad-diversi dixxiplini ta' riċerka, il-firxa minn riċerka bażika għal dik applikata, l-istadji tal-karrieri fir-riċerka u l-missjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' riċerka;
 - e. l-iżgurar li l-etika u l-integrità jingħataw l-ogħla prijorità u ma jiġux kompromessi minn kontroinċentivi;
 - f. l-iżgurar tad-diversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-promozzjoni attiva tan-nisa fix-xjenza;
9. JILQA' l-inizjattiva Ewropea li nediet djalogu mal-partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew sabiex jinġabru l-fehmiet dwar is-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka, u li għandha l-għan li tiffaċilita t-twaqqif ta' koalizzjoni wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li jixtiequ jiżviluppaw u jimplimentaw bidliet, fuq bażi volontarja, permezz ta' ftehim biex jitrawmu azzjonijiet konkreti għar-riforma tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka;
10. JIEĦU NOTA TAL-"Appell ta' Pariġi dwar l-evalwazzjoni tar-riċerka" ppubblikat fl-okkażjoni tal-Konferenza Ewropea dwar ix-Xjenza Miftuħa fi Frar 2022¹¹, li jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jinvolvu ruħhom fil-koalizzjoni;

¹¹ [Appell ta' Pariġi – OSEC 2022](#)

11. IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri jippromwovu r-riforma tas-sistema ta' evalwazzjoni tar-riċerka fil-livell nazzjonali u reġjonali, b'kollaborazzjoni mill-qrib mar-riċerkaturi, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka, abbażi tal-prinċipji msemmija hawn fuq;
12. JISTIEDEN lill-Istati Membri jħeġġu lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka u lill-awtoritajiet ta' evalwazzjoni, l-universitajiet u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja rilevanti oħra, organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u t-teknoloġija, kif ukoll istituzzjonijiet li jwettqu kompiti ta' evalwazzjoni, biex jissieħbu fl-inizjattiva Ewropea u jippromwovu gwida u appoġġ xierqa fil-livell nazzjonali;
13. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-livell Ewropej u nazzjonali sabiex jiġu implimentati bidliet fis-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, twettaq analiżi tal-ostakli legali u amministrattivi fil-livell tal-UE, nazzjonali u tranżnazzjonali għal sistema mġedda ta' evalwazzjoni tar-riċerka, biex tipproponi azzjonijiet għat-tneħħija tal-ostakli identifikati u biex tappoġġa l-iskambju ta' prattiki u tagħlim reċiproku fil-livell Ewropej;
14. JISTIEDEN lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati jippromwovu l-indipendenza, il-ftuħ, ir-riproduċibbiltà u t-trasparenza tad-data u l-kriterji meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-riċerka u għad-determinazzjoni tal-impatti tar-riċerka; IQIS li d-data u l-bażijiet tad-data biblijografiċi użati għall-evalwazzjoni tar-riċerka għandhom, fil-prinċipju, ikollhom aċċess miftuħ u li l-għodod u s-sistemi tekniċi għandhom jippermettu t-trasparenza;
15. IQIS li l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jistgħu jservu bħala bażi ta' ttestjar għat-trasformazzjoni tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka; IHEĠĠĠGHOM iniedu proġetti pilota biex jistabbilixxu proċeduri ta' evalwazzjoni f'konformità mal-prinċipji msemmija preċedement fuq bażi volontarja; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu kondizzjonijiet qafas li jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, għal dan il-għan;

16. JISĦAQ li t-trasformazzjoni tas-sistemi ta' evalwazzjoni tar-riċerka hija komponent ewlieni tal-attraenza tal-karrieri fir-riċerka u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu prinċipji ta' evalwazzjoni tar-riċerka fl-iżvilupp tal-Qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka, ir-reviżjoni tal-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-reklutaġġ tar-riċerkaturi, kif ukoll l-istabbiliment futur tal-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER;

II. Approċċ u kapaċitajiet Ewropej għall-pubblikazzjoni akkademika u l-komunikazzjoni akkademika

17. JISSOTTOLINJA li huwa fl-interess taċ-ċittadini Ewropej u tal-ekonomija Ewropea li jiġi żgurat suq trasparenti u kompetittiv li jippermetti lill-kumpanniji privati, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), kif ukoll lill-organizzazzjonijiet iffinanzjati pubblikament bħall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetajiet mgħallma, jikkontribwixxu għal, u jibbenefikaw minn, sistema kondiviża ta' għarfien tar-riċerka; JISTIEDEN lill-Kummissjoni taħdem fuq it-titjib ta' qafas regolatorju sabiex ikun possibbli l-aċċess mingħajr xkiel għar-riżultati tar-riċerka, il-pubblikazzjonijiet u d-data ffinanzjati minn fondi pubbliċi u l-użu mill-ġdid tagħhom għal skopijiet ta' riċerka u jimminimizza l-piż amministrattiv fuq l-infrastrutturi u s-servizzi tar-riċerka;
18. JISSOTTOLINJA li l-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-benefiċċji tax-Xjenza Miftuħa u tal-aċċess miftuħ immedjat għall-pubblikazzjonijiet ta' riċerka, li jippermettu modi aktar rapidi ta' skrutinju tal-kwalità tagħhom, u ta' aktar espansjoni tal-modalitajiet ta' aċċess miftuħ, li kien kruċjali għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet rapidi għall-kriżi billi ppermetta aċċess rapidu għal riżultati ġodda tar-riċerka biex tiġi miġġielda l-marda; JIRRIKONNOXXI li l-kriżi enfasizzat ukoll il-benefiċċji ta' aċċess akbar għad-data tar-riċerka abbażi tal-prinċipji FAIR;

19. JINNOTA bi tħassib il-piż finanzjarju fuq l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-baġits tal-Istati Membri li jirriżulta mill-volum dejjem jiżdied tan-nefqa għall-aċċess għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi u għall-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ u JIEĦU NOTA f'dan il-kuntest ta' strateġiji li għandhom l-għan li jrażżnu l-infiq, bħall-azzjonijiet meħuda dwar din il-kwistjoni minn Coalition S jew Open APC, u li għandhom l-għan li jiżguraw it-trasparenza kif ukoll kondizzjonijiet ġusti u ugwali fil-kuntratti mal-pubblikaturi;
20. JISSOTTOLINJA li huwa essenzjali għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jistabbilixxu approċċ komuni f'termini ta' prinċipji kondiviżi għall-pubblikazzjoni akkademika u l-komunikazzjoni akkademika, peress li din hija kwistjoni tal-iżvilupp u t-tixrid tal-għarfien, is-sovranià u l-użu xieraq tal-fondi pubbliċi, u li l-Unjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom għall-pubblikazzjoni akkademika f'koordinazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati eżistenti u futuri kollha f'dan il-qasam, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-isfidi speċifiċi ta' kull dixxiplina xjentifika, inkluż l-istudji umanistiċi u x-xjenzi soċjali;
21. JILQA' t-twaqqif ta' Riċerka Miftuħa Ewropa, il-pjattaforma ta' pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ stabbilita mill-Kummissjoni, kif ukoll ta' pjattaformi simili u djar tal-pubblikazzjoni universitarji b'aċċess miftuħ stabbiliti minn finanzjaturi tar-riċerka kemm pubbliċi kif ukoll privati fi ħdan l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha, kif ukoll infrastrutturi ta' riċerka dedikati bħal OpenAIRE (Infrastruttura ta' Aċċess Miftuħ għar-Riċerka fl-Ewropa) u OPERAS (Komunikazzjoni akkademika miftuħa fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka għax-xjenzi soċjali u umanistiċi); JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka biex jikkunsidraw jingħaqdu mal-inizjattiva ta' Riċerka Miftuħa Ewropa sabiex itejbu l-kwalità u l-attraenza tagħha jew, jekk dan ma jkunx possibbli, jikkunsidraw li jistabbilixxu pjattaformi ta' pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ tagħhom stess, jekk ikun meħtieġ;

22. JISSOTTOLINJA li d-diversità tal-mudelli ta' negozju għal ġurnali u pjattaformi b'aċċess miftuħ għandha tiġi mħeġġa; IQIS li l-awturi tal-pubblikazzjonijiet tar-riċerka jew l-istituzzjonijiet tagħhom għandhom iżommu biżżejjed drittijiet ta' proprjetà intellettuali biex jiżguraw l-aċċess miftuħ, li jwassal għal tixrid, valorizzazzjoni u użu mill-ġdid akbar tar-riżultati li jtejbju l-bilanċ ġust tal-mudelli tan-negozju tal-pubblikazzjoni; JISĦAQ li t-tariffi tal-abbonament kif ukoll it-tariffi tal-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ meta jiġu applikati għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati mas-servizzi ta' publikazzjoni; IQIS li l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe output tar-riċerka għandha tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-kwalità tagħha, u li kwalunkwe preġudizzju potenzjali, fost l-oħrajn minħabba l-kapaċitajiet ta' nfiq, fil-livell ta' riċerkatur jew ta' organizzazzjoni għandu jiġi indirizzat, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex taħdem fuq dan;
23. JITLOB lill-Kummissjoni tissorvelja, flimkien mal-Istati Membri, l-iżvilupp u d-diversità tal-pubblikazzjoni xjentifika fl-Ewropa u l-prattiki u l-ispejjeż tal-pubblikazzjonijiet akkademiċi, inkluż it-trasparenza tal-ispejjeż tal-kontijiet, il-kunsiderazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar proċeduri eżistenti żviluppati fil-livell nazzjonali, u, fejn possibbli, l-iżvelar tas-sejbiet, u għal dan il-għan IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jew, fejn xieraq, lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, biex jieħdu miżuri konkreti kontra l-proliferazzjoni ta' arranġamenti kuntrattwali mhux trasparenti biżżejjed fl-interazzjonijiet tagħhom mal-pubblikaturi;
24. IQIS li xi Prattiki tax-Xjenza Miftuħa bħar-rieżami miftuħ bejn il-pari u l-pubblikazzjoni bikrija ta' kopji stampati minn qabel huma promettenti ħafna iżda ta' sfida, u għandhom jiġu promossi aktar fi ħdan qafas koerenti u jkunu bbażati fuq prinċipji u Prattiki ta' integrità rigorużi, peress li jippermettu tixrid aktar rapidu tar-riżultati tar-riċerka u modi aktar rapidi ta' skrutinju tal-kwalità tagħhom;
25. JINNOTA, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tizzied ir-riproduċibbiltà tar-riżultati tar-riċerka peress li dan jikkontribwixxi għal kwalità oġhla, proċessi ta' riċerka aktar effiċjenti, riżultati aktar affidabbli, tisrif aktar effettiv f'innovazzjonijiet, u redditu oġhla fuq l-investimenti fir-riċerka kif ukoll il-promozzjoni tal-fiduċja pubblika fix-xjenza u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza;

26. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-KŻER¹² relatati max-Xjenza Miftuħa u l-integrità, inkluż il-kwistjoni ta' prattiki ta' kopji stampati minn qabel, u JISTIENEN lill-Istati Membri jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka fl-iżvilupp ta' linji gwida koerenti dwar din il-kwistjoni;

III. L-iżvilupp tal-multilingwiżmu għall-pubblikazzjonijiet akkademiċi Ewropej

27. JENFASIZZA li wieħed mill-għanijiet ewlenin tax-Xjenza Miftuħa huwa li jiżiedu t-tixrid u l-impatt tar-riżultati tar-riċerka xjentifika; JINNOTA li l-Ingliż sar il-lingwa franka għall-kollaborazzjoni xjentifika transfruntiera internazzjonali u għall-komunikazzjoni f'ħafna komunitajiet xjentifiċi; IQIS li l-ilħuq ta' udjenzi mhux akkademiċi jista' jirrikjedi formati ta' publikazzjoni ddedikati, miktuba b'lingwaġġ inqas tekniku, u JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-multilingwiżmu fil-kuntest tal-komunikazzjoni xjentifika mas-soċjetà, b'mod partikolari fil-livelli nazzjonali u reġjonali; f'dan ir-rigward, JILQA' l-inizjattivi għall-promozzjoni tal-multilingwiżmu, bħall-inizjattiva ta' Helsinki dwar il-multilingwiżmu fil-komunikazzjoni akkademika¹³;
28. JINNOTA li fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, il-ħtieġa li jkun hemm aċċess għal riżultati tar-riċerka ġodda u affidabbli kienet kruċjali, u li l-aċċess għal dan l-għarfien ġdid f'lingwi Ewropej differenti jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka fil-media, kif ukoll fost l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, il-professjonisti pubbliċi u privati, u ċittadini;
29. JAQBEL li t-tixrid volontarju ta' publikazzjonijiet akkademiċi f'aktar minn lingwa waħda ma għandux ikun ir-responsabbiltà tar-riċerkaturi individwali u lanqas ma għandu jkun f'kontradizzjoni mad-drawwiet u t-tradizzjonijiet tar-riċerkaturi, u lanqas mal-ħtieġa ta' publikazzjoni f'lingwi speċifiċi skont id-dixxiplini;

¹² 1207/21.

¹³ *Helsinki Initiative on Multilingualism in Scholarly Communication* (Inizjattiva ta' Helsinki dwar il-multilingwiżmu fil-komunikazzjoni akkademika), 2019 - doi.org/10.6084/M9.FIGSHARE.7887059

30. JILQA' l-iżviluppi promettenti li tfaċċaw reċentement fil-qasam tat-traduzzjoni awtomatika bis-saħħa tal-progress tal-intelliġenza artifiċjali u JIKKUNSIDRA li t-traduzzjoni semi-awtomatika ta' pubblikazzjonijiet akkademiċi fl-Ewropa jista' jkollha potenzjal kbir f'termini ta' ħolqien tas-suq għal din it-teknoloġija ġdida u hija wkoll kwistjoni importanti ta' sovranità;
31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesperimentaw bil-multilingwiżmu, fuq bażi volontarja;
32. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kunsill dwar il-progress li sar fit-tliet taqsimiet ta' dawn il-konklużjonijiet sa tmiem l-2023, sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal aktar azzjoni, jekk tkun meħtieġa.
